MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru 56/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**Spettur Therese Sciberras**
**vs**

**COSTANTINO GOUDER**

**Il-Qorti**

Rat lill-imputat **COSTANTINO GOUDER** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Costantino u Jane nee Vella, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Marzu 1981u residenti 34, Flat 1, Triq il-Gendus, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 138481M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar il-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2007 ghal habta tas-sitta w kwart ta' filghodu, fil-Mosta, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' flus kontanti w oggetti ohra minn go residenza privata, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf

lira maltin ghad-dannu ta' Therese u Maria Schembri mill-Mosta;

2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg u cioe l-flus u l-oggetti hawn fuq imsemmija misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex jbieghhom jew imexxihom;

3. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fil-bieb ta' barra tar-residenza privata liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin;

4. Talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2006, liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Anthony Vella nhar l-erbatax ta' Frar 2007 esibit fl-att a fol 121 et seq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-process verbal relattiv redatt mill-allura Magistrat Dottor David Scicluna nhar l-hmistax ta' April 1997 [fol 27 et seq].

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-disgha w ghoxrin t'Awissu 2007 (fol 173) sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbgha w ghoxribn ta' Jannar 2008 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol. 179 tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-istess seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2008 (fol 179) ghal akkuza **ta' serq aggravat b'dan pero li mhux**

**applikabbli l-artikolu 278(b) tal-Kap 9, ta’ hsara voluntarju u dik ta’ recidiva.**

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi.

Rat li fit-tlettax ta’ Marzu 2007, l-imputat kien inghata l-liberta provizorja bil-kundizzjoni li jibda programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema t’abbuz mid-droga li hu ghandu taht l-kundizzjoni li jobdi kull direttiva tal-programm li sejjer isegwi f’kull hin tal-gurnata (vide fol 117).

**Semghet lil Ray Grech jixhed fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta’ Marzu 2008** ghan-nom u rapprezentanza tas-Sedqa. Qal li l-imputat Costantino Gouder ilu Santa Marija mill-ghaxra t’April 2007 w ghalhekk diehel biex jaghlaq il-*fully residential phase* u sussegwentement jidhol fil-fazi l-ohra li hija *semi-residential* u dan sabiex jergghu jibdew jirrintegrawh lura go familja u affarijiet bhal dawn. Stqarr li tul din l-ahhar sena, l-imputat kien tajjeb hafna, l-familjari kienu qed jaghtuh hafna support u l-problema issa hi sabiex dak li sar hemm gew jibqa jzommu wkoll barra. Qal li meta wiehed iqis kif dahal l-imputat, il-mod kif kien ihares lejn l-affarijiet u llum il-gurnata, ix-xhud stqarr li fil-fatt ghamel progess kbir w huma kuntenti hafna bil-progress li ghamel.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 3 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li hemm registrati fuqha biss zewg *convictions* li sehhew wahda fis-sena 1998 u l-ohra fis-sena 2006 fejn inghata *conditional discharge* u multa.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta’ Marzu 2008 (fol 180).

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Issa f’dan il-kaz jidher li l-imputat ibbenefika mill-opportunita moghtija lilu tant li llum jinsab fit-triq t-tajba ghar-ri-integrazzjoni tieghu fis-socjeta u l-Qorti tawgura lil imputat jibqa fit-triq t-tajba.

Ghaldaqstant, f’dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma thossx li ghandha timponi piena karcerarja ghalkemm r-reat per se jimmerita tali piena.

In oltre, dwar l-akkuza ta’ hsara voluntarja kif moghtija mill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tara li din ma tirrizultax per se, ghaliex il-hsara li kien hemm fil-bieb principali tar-residenza ta’ Teresa Schembri tammonta ghal aggravju tal-mezz fis-serq u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta’ Marzu 2002*** **fl-ismijiet Il-Pulizija v Vincent Calleja**.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a), 263(a), 264(1), 265,

266, 267, 269(g), 270, 276, 276(A), 277, 278, 279, 280, 281, 334(a), 325(1)(b), 49, 50, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dawn ic-cirkostanzi, **tiddikjara li qed ssib lill-imputat COSTANTINO GOUDER hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi salv u b'eccezzjoni ghal akkuza ta' hsara voluntarja mill-liema akkuza qed tilliberah, tiddeciedi dwar l-reati li ssibu hati taghhom li tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghaz-zmien massimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin mill lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li l-imputat Costantino Gouder ghandu jkompli l-programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga;**
**2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett (3) snin l-imputat Costantino Gouder igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**3. li l-imputat Costantino Gouder jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**
**4. li l-imputat Costantino Gouder minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**5. li l-imputat Costantino Gouder jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt (6) xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe ta' PS 964 Robert**

**Scicluna (fol 137), Dottor Steven Farrugia Sacco (fol 150), Perit Tekniku Emanuel Camilleri (fol 68), fl-ammont komplessiv ta' hames mija tlieta w sebghin Euro [€ 573] u dan fi zmien sena mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Finalment tordna wkoll l-konfiska tad-Dok 165/07 esibit mill-prosekuzzjoni.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**Spettur Therese Sciberras**
**vs**

**COSTANTINO GOUDER**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, …………………………………2008**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **COSTANTINO GOUDER gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil imputat, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess imputat wera li jrid jhares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li l-imsemmi COSTANTINO GOUDER** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Costantino u Jane nee Vella, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Marzu 1981u residenti 34, Flat 1, Triq il-Gendus, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 138481M **jitqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

**6. li Costantino Gouder ghandu jkompli l-programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga;**

**7. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett (3) snin Costantino Gouder igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**8. li Costantino Gouder jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**

**9. li Costantino Gouder minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

**10. li Costantino Gouder jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt (6) xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

……………………………..
**COSTANTINO GOUDER**
**Numru tal-karta tal-identita 138481M**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------